

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-KUNSILL

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

tal-10 ta' Marzu 2014

dwar Qafas tal-Kwalità għat-*Traineeships*

(2014/C 88/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikoli 153 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Iż-żgħażaġh intlaqtu partikolarment ħażin matul il-kriżi. Ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh laħqu l-ogħla livelli storiċi fis-snin li għaddew f'diversi Stati Membri, mingħajr ebda sinjal ta' tnaqqis fuq medda qasira ta' żmien. It-trawwim tal-kapaċità għall-impjieg u tal-produttività taż-żgħażaġh huwa kruċjali biex jersqu lejn is-suq tax-xogħol.
- (2) Transizzjoni bla xkiel mill-edukazzjoni għall-impjieg hija kruċjali biex ittejjeb iċ-ċans taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol. It-titjib tal-edukazzjoni taż-żgħażaġh u l-iffaċilitar tat-transizzjoni tagħhom lejn l-impjieg huma meħtieġa biex tinkiseb il-mira ewlenija tal-Ewropa 2020 li timmira li sal-2020 tilħaq rata ta' impjieg ta' 75 % tan-nisa u l-irġiel li għandhom bejn l-20 u l-64 sena. Il-linja gwida nru 8 dwar il-politika tax-xogħol tal-Istati Membri tistieden lill-Istati Membri biex iħaddmu skemi biex jgħinu liż-żgħażaġh u b'mod partikolari dawk li m'għandhomx impjieg, edukazzjoni jew taħriġ biex isibu impjieg inizzjali, esperjenza ta' xogħol, jew aktar opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ, inklużi t-*traineeships*, u biex jintervjenu malajr meta ż-żgħażaġh jitilfu l-impjieg ⁽¹⁾.

- (3) Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, it-*traineeships* saru punt ta' dħul importanti fis-suq tax-xogħol.

- (4) Ser ikun hemm spejjeż soċjoekonomiċi jekk it-*traineeships*, partikolarment dawk ripetuti, jieħdu post l-impjieg regolari, partikolarment karigi ta' livell ta' dħul li s-soltu jiġu offruti lit-*trainees*. Barra minn hekk, *traineeships* ta' kwalità baxxa, speċjalment dawk bi ffit kontenut ta' tagħlim, ma jwasslux għal progress sinifikanti fil-produttività u lanqas ma fihom effetti li jibagħtu sinjal pożittiv. L-ispejjeż soċjali jistgħu jinħolqu wkoll b'rabta ma' *traineeships* mhux imħallsa li jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet tal-karriera ta' dawk li ġejjin minn ambjent żvantaġġat.

- (5) Hemm evidenza li jeżistu rabtiet bejn il-kwalità tat-*traineeship* u l-eżitu tal-impjieg. Il-valur tat-*traineeships* biex titħaffef it-transizzjoni lejn l-impjieg jiddependi fuq il-kwalità tagħhom f'termini ta' kontenut tat-tagħlim u l-kondizzjonijiet tax-xogħol. It-*traineeships* ta' kwalità jgħibu benefiċċji diretti ta' produttività, itejbu l-adattament tal-ħaddiema għas-suq tax-xogħol u jippromwovu l-mobbiltà, partikolarment billi jnaqqsu l-ispejjeż tat-tiftix u t-tqabbil kemm għall-intrapriżi kif ukoll għat-*trainees*.

- (6) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ ⁽²⁾ tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażaġh kollha sal-età ta' 25 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew *traineeship* fi żmien erba' xhur minn meta jispiċċaw qiegħda jew minn meta jtilqu l-edukazzjoni formali.

- (7) Minn diversi studji u sħarriġiet instab li l-problemi tal-kwalità jolqtu proporzjon sinifikanti ta' *traineeships*, b'mod partikolari dawk fejn ebda istituzzjoni edukattiva jew ta' taħriġ ma hija responsabbli direttament għall-kontenut tat-tagħlim u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-*traineeship*.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linja Gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjieg, 2010/707/EU tal-21.10.2010, (ĠU L 308, 24.11.2010, p.46).

⁽²⁾ ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

- (8) L-evidenza turi li għadd sinifikanti ta' *trainees* sempliċment jintalbu jagħmlu xogħol ta' livell baxx. *Traineeship* ta' kwalità jrid joffri wkoll kontenut solidu u sinifikanti ta' taġlim. Dan ifisser, fost l-oħrajn, l-identifikazzjoni tal-ħiliet speċifiċi li għandhom jinkisbu, superviżjoni u mentoraġġ tat-*trainee*, u monitoraġġ tal-progress tiegħu.
- (9) Ġew identifikati wkoll problemi fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol, eż. sigħat twal ta' xogħol, nuqqas ta' kopertura mis-sigurtà soċjali, il-preżenza ta' riskji għas-saħħa u s-sigurtà jew okkupazzjonali, f'it jew ebda remunerazzjoni u/jew kumpens, nuqqas ta' ċarezza dwar ir-reġimi legali applikabbli, u tul ta' żmien tat-*traineeship* imtawwal iżżejjed.
- (10) Bħalissa t-*traineeships* mhumiex regolati f'xi Stati Membri u setturi u, fejn hemm r-regolamentazzjoni, hija varjata ħafna u tipprovi elementi differenti ta' kwalità jew prattiki differenti ta' implimentazzjoni. Fin-nuqqas ta' qafas jew strument regolatorju, jew għax hemm nuqqas ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' kundizzjonijiet tax-xogħol għat-*traineeships* u l-kontenut ta' taġlim tagħhom, ħafna minn dawk li joffru *traineeships* jistgħu jużaw lit-*trainees* bħala xogħol irħis jew saħansitra mhux imħallas.
- (11) Qafas ta' Kwalità għat-*traineeships* jappoġġja t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kontenut ta' taġlim tat-*traineeships*. L-element ewlieni tal-Qafas ta' Kwalità għat-*traineeships* huwa l-ftehim bil-miktub ta' *traineeship* li jindika l-għanijiet edukattivi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, id-drittijiet u l-obbligi, u tul ta' żmien raġonevoli għat-*traineeships*.
- (12) In-nuqqas ta' informazzjoni huwa waħda mill-kawżi ta' *traineeships* ta' kwalità baxxa u huwa problema ħafna aktar mifruxa għat-*traineeships* milli għal impjiegi regolari. Aktar rekwiżiti ta' trasparenza għal avviżi jew reklami ta' pożizzjonijiet ta' *traineeship* jgħinu biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jstimolaw il-mobbiltà transkonfinali.
- (13) L-imsieħba soċjali għandhom rwol ewlieni fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' politika u programmi ta' taħriġ. Il-kooperazzjoni bejn l-imsieħba soċjali, il-fornituri ta' servizzi ta' gwida dwar il-karriera tul il-ħajja u l-awtoritajiet rilevanti tista' timmira biex it-*trainees* jiġu pprovduti informazzjoni mmirata dwar l-opportunitajiet ta' karriera disponibbli u l-ħiliet meħtieġa fis-swieq tax-xogħol, kif ukoll dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-*trainees*. Barra minn hekk, l-imsieħba soċjali jistgħu jkollhom rwol fit-tħaffif tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Kwalità għat-*traineeships*, notevolment billi jfasslu u jagħmlu disponibbli ftehim mudell sempliċi u konċiż ta' *traineeship*, partikolarment għall-użu mill-mikrointrapriżi u maħsub għall-iskopijiet speċifiċi tagħhom. Fil-Qafas ta' Azzjonijiet tagħhom dwar l-Impjieg taż-Żgħażaġħ ta' Lulju 2013, l-imsieħba soċjali Ewropej hađu nota tal-ħsieb tal-Kummissjoni li tippromponi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'dan il-qasam u ħabbru l-appoġġ tagħhom għall-azzjonijiet tal-Istati Membri bil-għan li jtejbu l-kwalità tat-*traineeships*.
- (14) Waħda mill-isfidi hija li tiżdied il-mobbiltà transkonfinali tat-*trainees* fl-Unjoni sabiex tgħin fit-trawwim ta' suq tax-xogħol Ewropew ġenwin. Id-diversità li teżisti fir-regolamenti tikkostitwixxi ostakolu għall-iżvilupp tal-mobbiltà transkonfinali tat-*trainees*. Barra minn hekk, f'xi każijiet, instab li l-ostakoli amministrattivi u legali għall-mobbiltà transkonfinali tat-*trainees* jaffettwaw diversi mill-Istati Membri destinatari. F'dan il-kuntest, l-informazzjoni disponibbli dwar id-dritt tat-*trainees* għall-mobbiltà transkonfinali, b'mod partikolari d-drittijiet inklużi fid-Direttiva 2004/38/KE⁽¹⁾, hija importanti. Billi jipprovi prinċipji u linji gwida biex jiswew ta' referenza, il-Qafas tal-Kwalità għat-*Traineeships* ser jiffaċilita wkoll l-aċċess għat-*traineeships* transnazzjonali.
- (15) L-iżvilupp ta' Qafas ta' Kwalità għat-*traineeships* se jżid it-trasparenza. Barra minn hekk, huwa jista' jappoġġja estensjoni tal-EURES għal *traineeships* mħallsa, u b'hekk jiffaċilita l-mobbiltà.
- (16) Il-programmi tal-Istati Membri li jipromwovu u joffru *traineeships* jistgħu jiġu appoġġati finanzjarjament mill-Fondi Ewropej. Barra minn hekk, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ ser tappoġġja t-*traineeships* fil-kuntest tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u żżomm fil-mira żgħażaġh mir-reġjuni tal-Unjoni l-aktar milquta mill-qgħad fost iż-żgħażaġh u kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) 2014-2020. Il-FSE kif ukoll l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ jistgħu jintużaw biex jiżdiedu l-għadd u l-kwalità tal-iskemi ta' *traineeship* tal-Istati Membri. Dan jinvolvi possibbiltà ta' kontribuzzjoni għall-ispejjeż tat-*traineeships* inkluża, skont ċerti kundizzjonijiet, parti mill-benefiċċju. Barra minn hekk, huma jistgħu wkoll jappoġġaw l-ispejjeż ta' forom oħra ta' taħriġ li t-*trainees* jistgħu jsewgu lil hinn mit-*traineeship* tagħhom, eż. korsijiet tal-lingwa.
- (17) Il-Kummissjoni nediet Programm speċifiku tal-FSE ta' Assistenza Teknika għall-Istati Membri biex jistabilixxu skemi ta' *traineeship* bl-appoġġ tal-FSE. Dan il-Programm ta' Appoġġ jipprovi pariri strateġiċi, operattivi u politiċi lill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li qed jikkunsidraw it-twaqqif ta' skemi ta' *traineeship* ġodda, jew il-modernizzazzjoni ta' skemi eżistenti.
- (18) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar id-Djalogu Strutturat dwar l-Impjieg għaż-Żgħażaġħ ta' Mejju 2011, il-Kunsill iddikjara li huwa mixtieq qafas ta' kwalità għall-*internship* sabiex jiġi garantit il-valur edukattiv ta' tali esperjenza.
- (19) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar "Promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażaġh għall-kisba tal-obiettivi Ewropa 2020" stiednu lill-Kummissjoni biex

(¹) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

tipprowdi gwida dwar kundizzjonijiet għal *traineeships* ta' kwalità għolja permezz ta' qafas ta' kwalità għat-*traineeships*.

- (20) Fl-14 ta' Ġunju 2012 fir-Riżoluzzjoni tiegħu "Lejn irkupru għani fl-Impjiegi" il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għat-*traineeships*, u tiddefinixxi standards minimi li jappoġġaw l-għoti u t-twettiq ta' *traineeships* ta' kwalità għolja.
- (21) Il-Kunsill Ewropew tat-28-29 ta' Ġunju 2012 stieden lill-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li testendi l-portal tal-EURES għat-*traineeships*.
- (22) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-13-14 ta' Diċembru 2012 stiednu lill-Kummissjoni tiffinalizza malajr il-qafas ta' kwalità għat-*traineeships*.
- (23) Fil-Pakkett dwar l-Impjiegi għaż-Żgħażaġħ tas-6-7 ta' Diċembru 2012, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali dwar Qafas ta' Kwalità għat-*traineeships*. Fit-tweġibiet tagħhom, l-imsieħba soċjali tal-UE informaw lill-Kummissjoni li ma kellhomx l-intenzjoni li jniedu negozjati għal ftehim awtonomu skont l-Artikolu 154 tat-TFUE.
- (24) Il-Kunsill Ewropew tas-27-28 ta' Ġunju 2013 kkonferma mill-ġdid li l-Qafas ta' Kwalità għat-*Traineeships* għandu jkun stabbilit kmieni fl-2014.
- (25) Il-Qafas tal-Kwalità huwa punt ta' referenza importanti għad-determinazzjoni ta' dak li jikkostitwixxi offerta ta' kwalità tajba tat-*traineeships* skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-Twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ.
- (26) Skont l-Istħarriġ Annwali ta' Tkabbir 2014 huwa essenzjali għall-iffaċilitar tat-transizzjoni mill-iskola għax-xogħol, l-iktar b'żieda ta' disponibbiltà ta' skemi ta' xogħol u *traineeships* ta' kwalità tajba.
- (27) Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, it-*traineeships* jfissru perijodu limitat ta' Prattika ta' xogħol, imħallas jew le, li jinkludi komponent ta' tagħlim u taħriġ, li jsir biex tinkiseb esperjenza Prattika u professjonali bil-għan li tittejjeb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-transizzjoni għal impjeg regolari.
- (28) Din ir-Rakkomandazzjoni ma tkoprix kollokamenti f'pos-tijiet għall-esperjenza ta' xogħol li huma parti mill-kurrikula ta' edukazzjoni formali jew taħriġ u edukazzjoni vokazzjonali. *Traineeships* li l-kontenut tagħhom huwa regolat skont il-liġi nazzjonali u li t-tlestija tagħhom hija rekwiżit obbligatorju għal aċċess għal professjoni speċifika (eż. mediċina, arkitettura, eċċ.) mhumiex koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni.
- (29) Meta jiġu kkunsidrati n-natura u l-oġġettiv ta' din ir-Rakkomandazzjoni, hija ma għandhiex tiġi interpretata li xxekkel lill-Istati Membri milli jżommu jew jistabbilixxu dispożizzjonijiet aktar favorevoli għat-*trainees* minn dawk rakkomandati.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. Itejbu l-kwalità tat-*traineeships*, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontenut tat-tagħlim u t-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, bil-għan li tiġi ffaċilitata t-transizzjoni mill-edukazzjoni, il-qgħad jew l-inattività għax-xogħol billi jħaddmu dawn il-prinċipji għal Qafas tal-Kwalità għat-*Traineeships* fil-prattika:

*Konklużjoni ta' ftehim bil-miktub għat-*traineeships**

2. Jitolbu li t-*traineeships* jkunu bbażati fuq ftehim bil-miktub konkluż fil-bidu tat-*traineeship* bejn it-*trainee* u l-fornitur tat-*traineeship*;
3. Jitolbu li l-ftehim ta' *traineeship* jindikaw l-oġġettivi edukattivi, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, jekk benefiċċju jew kumpens lit-*trainee* huwiex ipprovdut mill-fornitur tat-*traineeship*, u d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet skont il-liġi tal-UE u dik nazzjonali applikabbli, kif ukoll it-tul ta' żmien tat-*traineeship*, kif imsemmi fir-rakkomandazzjonijiet 4-12;

Oġġettivi ta' tagħlim u taħriġ

4. Jippromwovu l-aħjar Prattika fir-rigward tal-oġġettivi ta' tagħlim u taħriġ sabiex jgħinu lit-*trainees* jiksibu esperjenza Prattika u ħiliet rilevanti; il-kompiti assenjati lit-*trainee* għandhom jippermettu li jinkisbu dawn l-oġġettivi;
5. Jinkoraġġixxu lill-fornituri tat-*traineeships* jagħżlu superviżur għat-*trainees* li jiggwida lit-*trainee* fil-kompiti assenjati, jissorvelja u jivvaluta l-progress tiegħu;

*Kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għat-*trainees**

6. Jiżguraw li jiġu rispettati d-drittijiet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-*trainees* skont il-liġi tal-UE u dik nazzjonali applikabbli, inklużi limiti għall-ħin massimu ta' xogħol fil-ġimgħa, il-perijodi minimi ta' mistrieħ ta' kuljum fil-ġimgħa u, fejn applikabbli, l-intitolamenti minimi ta' btala;
7. Jinkoraġġixxu lill-fornituri tat-*traineeships* jiċċaraw jekk jipprovdut kopertura fir-rigward tal-assigurazzjoni tas-saħħa u kontra l-inċidenti kif ukoll il-leave minħabba mard;
8. Jitolbu li l-ftehim ta' *traineeship* iċċara jekk tapplikax allowance jew kumpens, u jekk tapplika, l-ammont tagħha;

Drittijiet u obbligi

9. Jinkoraġġixxu lill-partijiet ikkonċernati jiżguraw li l-ftehim ta' *traineeship* jistipula d-drittijiet u l-obbligi tat-*trainee* u l-fornitur tat-*traineeship*, inkluż, fejn rilevanti, l-politika tal-fornitur tat-*traineeship* dwar il-kunfidenzjalità u s-sjieda tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

Tul ta' żmien raġonevoli

10. Jiżguraw tul ta' żmien raġonevoli tat-*traineeships* li, fil-prinċipju, ma jaqbiż is-sitt xhur, għajr f'każijiet fejn tul ta' żmien itwal ikun iġġustifikat, meta titqies il-prattika nazzjonali;

11. Jiċċaraw iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom *traineeship* jista' jiġi estiż jew imġedded wara li jkun skada l-ftehim ta' *traineeship* inizjali;
12. Jinkoraġġixxu l-prattika li fil-ftehim ta' *traineeship* jiġi speċifikat li kemm it-*trainee* kif ukoll il-fornitur tat-*traineeship* jistgħu jtemmu l-ftehim b'komunikazzjoni bil-miktub, li tagħti avvż minn qabel fi żmien xieraq fid-dawl tat-tul tat-*traineeship* u l-prattika nazzjonali rilevanti;
- Għarfien xieraq tat-traineeships*
13. Jippromwovu r-rikonoxximent u l-validità tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba matul it-*traineeships* u jinkoraġġixxu lill-fornituri tat-*traineeship* biex jiċċertifikawhom, abbażi ta' valutazzjoni, permezz ta' ċertifikat;
- Rekwiżiti ta' trasparenza*
14. Jinkoraġġixxu lill-fornituri tat-*traineeships* jinkludu fl-avviżi u r-reklamati tagħhom dwar il-postijiet vakanti informazzjoni dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tat-*traineeship*, b'mod partikolari dwar jekk japplikawx benefiċċju u/jew kumpens u assigurazzjoni tas-saħħa u kontra l-inċidenti; jinkoraġġixxu lill-fornituri tat-*traineeships* jagħtu informazzjoni dwar il-politiki ta' reklutaġġ, inkluż il-proporzjon ta' *trainees* reklutati fl-aħħar snin;
15. Jinkoraġġixxu lis-servizzi tal-impjieg u lil fornituri oħra ta' gwida tal-karriera biex japplikaw rekwiżiti ta' trasparenza, jekk jipprovdu informazzjoni dwar it-*traineeships*;
- Traineeships transkonfinali*
16. Jiffaċilitaw il-mobbiltà transkonfinali tat-*trainees* fl-Unjoni Ewropea fost l-oħrajn, billi jiċċaraw il-qafas legali nazzjonali għat-*traineeships* u jistabbilixxu regoli ċari dwar l-ilqugħ tat-*trainees* minn Stati Membri oħra, u l-ibgħit tat-*trainees* lejn Stati Membri oħra u billi jnaqqsu l-formalitajiet amministrattivi;
17. Jeżaminaw il-possibbiltà li jagħmlu użu tan-netwerk EURES estiż u li jagħmlu skambju ta' informazzjoni dwar it-*traineeships* bi ħlas permezz tal-portal EURES;
- Użu ta' Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investment*
18. Jagħmlu użu tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investment, jiġifieri l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, fil-perijodu ta' programmazzjoni tal-2014-2020, u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġġ, fejn applikabbli, biex jiżdiedu l-għadd u l-kwalità tat-*traineeships*, inkluż permezz ta' sħubijiet effettivi mal-partijiet interessati rilevanti kollha;
- Applikazzjoni ta' Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships*
19. Jieħdu miżuri adatti biex japplikaw il-Qafas tal-Kwalità għat-*Traineeships* malajr kemm jista' jkun;
20. Jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni sa tmiem l-2015 dwar il-miżuri li tiegħu f'konformità ma' din ir-Rakkomandazzjoni;
21. Jippromwovu l-involvement attiv tal-imsieħba soċjali fl-applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità għat-*Traineeships*;
22. Jippromwovu l-involvement attiv tas-servizzi tal-impjieg, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-fornituri tat-taħriġ fl-applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità għat-*Traineeships*;
- JINNOTA LI L-KUMMISSJONI GħANDHA L-ĦSIEB LI:
23. Trawwem il-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-imsieħba soċjali u partijiet interessati oħra bil-għan li din ir-Rakkomandazzjoni tiġi applikata b'mod rapidu;
24. Tissorvelja, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri u b'mod partikolari permezz tal-Kumitat tal-Impjieg, il-progress fl-applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità għat-*Traineeships* skont din ir-Rakkomandazzjoni u tanalizza l-impatt tal-politika li hemm fis-seħħ;
25. Tirrapporta dwar il-progress fl-applikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovdata mill-Istati Membri;
26. Taħdem mal-Istati Membri, l-imsieħba soċjali, is-servizzi tal-impjieg, l-organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġġ u tat-*trainees* u partijiet interessati oħra biex tippromwovi din ir-Rakkomandazzjoni;
27. Tħeġġeġ u tappoġġa lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar Prattika bejniethom, biex jużaw il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali jew Fondi Ewropej oħra għall-perijodu ta' programmar 2014-2020 biex jiżdiedu l-għadd u l-kwalità tat-*traineeships*;
28. Teżamina, flimkien mal-Istati Membri, il-possibbiltà li jiġu inklużi *traineeships* bi ħlas f'EURES, u tistabbilixxi paġna elettronika ddedikata rigward oqfsa legali nazzjonali għat-*traineeships*.
- Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2014.

Għall-Kunsill
Il-President
I. VROUTSIS